**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2023**

Rikors Numru: 374/23 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1071/2010)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok. B anness) in forza ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat erba' u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022);

3. Illi l-partijiet ilhom minn Ottubru tas-sena 2021 de facto separati;

4. Illi m' hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom minn Ottubru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) ma jghixux flimkien illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Katrin Bartolo, datat it-tnbejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-ena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), senjatament klasola numru 5, il-partijiet irrinunzjaw definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet; al-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha kkonferma: -

1. Illi l-esponent jaqbel illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-ena elfejn u ghaxrra (2010) u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;
2. Illi l-esponent jaqbel illi l-partijiet ilhom minn Ottubru tas-sena elfejn de facto separati;
3. Illi l-esponent jaqbel illi ma hemm prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom minn Ottubru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) ma jghixux flimkien illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;;
4. Illi l-esponent jaqbel ukoll illi l-partijiet irrinunzjaw definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minghand xulxin;
5. Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu ghal hall taz-zwieg taghhom u jaqbel illi jezistu l-elementi mahsuba

fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif senjalat mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha;

6. Illi l-esponent ma ghandux pero` jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri hu, peress illi t-talba odjerna giet ipprezentata mir-rikorrenti u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu mhallsa minnha.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha ta1-11 ta' Lulju 2023;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat kif ukoll ir-risposta tieghu

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Novembru 2022.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.